DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1565

tal-4 ta' Settembru 2019

dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bl-isem "Azzjonijiet dwar l-Emerġenza Klimatika"

(notifikata bid-dokument C(2019) 6388)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Is-suġġett tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bl-isem "Azzjonijiet dwar l-Emerġenza Klimatika" jirreferi għal li ġej: "Nappellaw lill-Kummissjoni Ewropea biex issaħħaħ l-azzjoni dwar l-emerġenza klimatika f'konformità mal-limitu ta' tisħin ta' 1,5°. Dan ifisser għanijiet klimatiċi aktar ambizzjużi u appoġġ finanzjarju għall-azzjoni klimatika."

(2) L-objettivi tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta jirreferu għal li ġej: "L-UE għandha taġġusta l-għanijiet tagħha (NDC) skont il-Ftehim ta' Pariġi għal tnaqqis ta' 80 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030, biex tilħaq nett ta' -0 sal-2035 u taġġusta l-leġiżlazzjoni Ewropea dwar il-klima skont dan. Għandu jiġi implimentat Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera tal-UE. Ma għandu jiġi ffirmat l-ebda trattat dwar il-kummerċ ħieles ma' pajjiżi sħab li ma jsegwux perkors kompatibbli ta' 1,5° skont is-Servizz ta' Traċċar tal-Azzjoni Klimatika. L-UE għandha toħloq materjal edukattiv b'xejn għall-kurrikuli kollha tal-imsieħba dwar l-effetti tat-tibdil fil-klima."

(3) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) isaħħaħ iċ-ċittadinanza tal-UE u jkompli jtejjeb il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi, fost l-oħrajn, jipprovdi lil kull ċittadin bid-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni permezz tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

(4) Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-inizjattiva taċ-ċittadini jkunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati man-natura tal-inizjattiva taċ-ċittadini sabiex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u biex l-Unjoni ssir aktar aċċessibbli.

(5) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tippreżenta proposti għal atti legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

— azzjoni sabiex jinkisbu l-objettivi tal-preservazzjoni, tal-protezzjoni u tat-titjib tal-kwalità tal-ambjent u ta' miżuri ta' promozzjoni f'livell internazzjonali biex jiġu indirizzati problemi ambjentali reġjonali jew fid-dinja kollha, u b'mod partikolari l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, abbażi tal-Artikolu 192(1) u (2), b'rabta mal-Artikolu 191(1), l-ewwel u r-raba' inċiżi tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);

— implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni, abbażi tal-Artikolu 207 tat-TFUE.

(6) Għal dawn ir-raġunijiet, l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta ma taqax manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq xi proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati, skont l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament.

(7) Barra minn hekk, ġie ffurmat il-kumitat taċ-ċittadini u l-persuni ta' kuntatt inħatru skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament, u l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta la tidher li hija manifestament abbużiva, fiergħa jew vessatorja, u lanqas ma tidher li tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni, kif stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE.

(8) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bl-isem "Azzjonijiet dwar l-Emerġenza Klimatika" tiġi rreġistrata.

([1]) ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bl-isem "Azzjonijiet dwar l-Emerġenza Klimatika" hija b'dan irreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-23 ta' Settembru 2019.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-organizzaturi (il-membri tal-kumitat taċ-ċittadini) tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bl-isem "Azzjonijiet dwar l-Emerġenza Klimatika", irrappreżentati mis-Sur Thomas EITZENBERGER u s-Sinjura Astrid Cecilie BUDOLFSEN, bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Settembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Frans TIMMERMANS
L-Ewwel Viċi President